# L-EQDEM PITTURA TA' SANTA KATARINA F'MALTA

minn Dun Joe Abela B.A., Lic.D.



Wieħed mill-aħjar mużewijiet li jeżistu tal-Knisja Maltija hu, mingħajr dubju ta' xejn, il-mużew tal-Katidral fl-Imdina. Tant hu ċelebri u informattiv dan il-mużew, illi faċilment iħabbatha ma' l-aħjar mużewijiet ekkleżjastiċi fl-Ewropa. Għalhekk, jekk wieħed irid jieħu ideja sewwa ta' l-opri artistiċi tal-Knisja Maltija, l-ewwel ma jrid jagħmel hu li jżur dan il-mużew, fejn mhux biss jista' jammira dawn l-opri li jgħoddu sa miż-Żmenijiet tan-Nofs, iżda wkoll jistudja dokuenti antiki ta' valur kbir.

**Il-Polittiku ta' San Pawl**

L-aqwa kwadru kbir li jinsab esibit f'dan il-mużew hu polittiku ta' San Pawl. Is-Sur E.V. Borg ippublika ktejjeb interessanti ferm dwaru, bl-isem "The St Paul Polyptych at the Cathedral Museum, Mdina". Il-kelma polittiku tfisser pittura komposta minn ħafna kwadri. Fl-opinjoni tiegħi dan il-kwadru, fil-valur artistiku tiegħu, jiġi biss wara l-Martirju ta' San Ġwann Battista tal-Caravaggio, fil-Kon-katidral tal-Belt Valletta. Żgur li ebda kwadru ieħor li għandna f'Malta, għall-inqas fil-valur storiku ma jiżboq lil dan il-polittiku ta' San Pawl. Il-valur storiku tiegħu nistgħu nikkalkulawh mill-fatt li sar mijiet ta' snin qabel ta' San Ġwann.

**Kompożizzjoni tal-Kwadru**

Il-figura prinċipali ta' dan il-kwadru hi, s'intendi, San Pawl, bil-qiegħda fuq tron majestuż. Madwar din il-parti prinċipali u ċentrali jinsabu tmien kwadri oħra wisq iżgħar, li jirrappreżentaw xeni mill-ħajja ta' San Pawl. Tlieta minn dawn it-tmienja, jiġifieri kważi nofshom, jirrappreżentaw episodji konnessi ma' Malta: in-nawfraġju u t-tluq ta' San Pawl minn Malta, l-episodju tal-lifgħa, u l-fejqan ta' missier Publiju. Dan hu sinjal ċar li dan il-kwadru nħadem għal Malta. Iżda barra minn hekk, dan il-politiku fih żewġ partijiet oħra. Fuq naraw lill-Madonna mdawra b'korijiet ta' l-anġli jdoqqu strumenti mużikali, u isfel naraw trittiku (kwadru maqsum fi tliet partijiet) li tifforma 'predella' għall-kwadru prinċipali. Dan it-trittiku jirrappreżenta lil San Pietru, Sant'Agata u Santa Katarina. Lilna bħala Żwieten, s'intendi, tinteressana ferm din il-parti t'isfel. Mhux għaliex San Pawl ma jinteressaniex, iżda għaliex Santa Katarina hi l-padruna tal-parroċċa tagħna.

**L-Istorja tal-Polittiku**

Nagħtu issa ftit ta' l-informazzjoni dwar l-istorja ta' dan il-polittiku kbir meta kien għadu jżejjen il-Katidral. Sas-sena 1419, il-Katidral ta' l-Imdina kien għad għandu forma rettangolari, l-istess bħalma kien San Girgor tagħna fil-qedem. Il-polittiku, allura, kien iservi biex jifred il-parti

okkupata mill-fidili mis-santwarju. Snin wara, il-Katidral ġie mkabbar u mogħti l-forma ta' salib, u l-kwadru allura ġie mpoġġi ftit lura. Hekk għal żmien twil dan il-polittiku kien il-kwadru prinċipali tal-Katidral ta' l-Imdina. Meta Mattia Preti, għall-aħħar tas-seklu sbatax, pitter il-konverżjoni ta' San Pawl fil-kor, dan il-polittiku naqsitlu xi ftit l-importanza tiegħu. Madankollu, id-devozzjoni lejh qatt ma naqset; tant li hu baqa' jinżamm fuq l-altar maġġur, allavolja fuq l-altar tal-kor issa kien hemm il-pittura ta' Mattia Preti. Kienet xorti tajba li t-terremot li fl-1693 qered parti kbir tal-Katidral, ma għamilx ħsara lil dan il-polittiku. Fis-seklu tmintax ġie saħansitra miksi bil-fidda, iżda meta l-altar maġġur ta' l-irħam ġie mgħolli aktar 'l fuq, il-polittiku beda jgħatti l-kwadru tal-kor tal-Konverżjoni, u allura, il-parti prinċipali teigħu ġiet meħuda fil-kappella tal-Kurċifiss, filwaqt li l-panewijiet iż-żgħar ittieħdu fis-sagristija. Il-lum il-polittiku sħiħ jinsab għall-wirja bħala l-aqwa attrazzjoni li kull viżitatur jista' jammira fil-mużew tal-Katidral. Ftit tas-snin ilu hu ġie restawrat b'mod tassew brillanti mis-Sur Samwel Bugeja, li rnexxielu joħroġ mill-ġdid il-glorja u s-sbuħija tiegħu oriġinali. Ir-restawratur dam sentejn u nofs jaħdem fuq dan il-proġett.

**Il-Qedem tal-Kwadru**

Niġu issa għall-antikità tiegħu, suġġett li għandu jolqotna. L-ewwelnett, il-panewijiet huma magħmula mill-injam miksi bil-ġibs. Il-pittura saret biż–żejt, u l-kwadri huma mdawrin b'ħafna dekorazzjoni arabeska. Sfortunatament dan il-polittiku ma fihx il-firma ta' min għamlu, u lanqas id-data, u għalhekk mhux l-istudjużi kollha jaqblu dwar l-awtur tiegħu. Madankollu, kollha huma tal-fehma li sar fiż–Żmenijiet tan-Nofs. L-istil tiegħu hu xhieda ċara. Dan jagħmlu l-aktar wieħed antik li għandna f'Malta li jirrappreżenta lil Santa Katarina, li ma tidhirx la fl-affreski ta' Sant'Agata tar-Rabat, u lanqas fil-kwadri medjevali fil-kappella ta' Ħal-Millieri. Għalhekk għalina dan il-polittiku hu ta' valur storiku immens.

**Xogħol ta' Ferrer Bassa, Pittur Spanjol**

Ma ninsewx li fiż-Żminijiet Tardivi tan-Nofs, Malta kienet tagħmel mar-Renju ta' Sqallija, u allura parti mis-Saltna Spanjola. Ma jidhirx li l-kwadru ġie mpinġi hawn Malta, għalkemm żgur li sar appositament għal Malta. Kien hemm min attribwih lill-Iskola tal-pittura ta' Siena, Firenza u Pisa tal-1400. Jidher li hu xogħol Spanjol ta' l-Iskola Siculo Catalonia, Ferrer Bassa, li għex bejn l-1285 u l-1348. Żgur li l-kwadru sar taħt l-influwenza tal-famuż pittur Taljan Giotto. Naraw ukoll fih l-influwenza Biżantina, komuni fl-ikoni u l-mużajċi medjevali, kif ukoll f'Ħal-Millieri. Tidher ukoll l-influwenza ta' l-arti Gotika Franċiża. Ferrer Bassa nnifsu kien influwenzat minn dawn il-kurrenti kollha.

**Żmien l-Aragoniżi**

Il-polittiku tagħna allura, sar bejn l-1283 u l-1410 għall-Katidral ta' l-Imdina li kien inbena qabel fi żmien in-Normanni. Kien żmien l-Aragoniżi, li kienu Spanjoli. Ferrer Bassa kien impjegat bħala pittur fil-palazz tar-re minn tliet slaten Aragoniżi. Dan kollu jippruvalna mhux biss il-qedem ta' dan il-kwadru prezzjuż, iżda wkoll il-valur artistiku kbir tiegħu. San Pawl hu rappreżentat bħala s-suldat li ġġieled għal Kristu, bix-xabla f'idu waħda, u bħala l-kittieb ta' diversi ittri Nsara, bil-manuskritti f'idu l-oħra. Hu jżomm il-volum ta' manuskritti fuq irkoppa waħda, tant li jtik l-impressjoni li l-volum jesporġi 'l barra mill-kwadru. Din it-teknika ta' perspettiva tidher ukoll fil-'predella', fejn, għidna, jinsab ukoll il-kwadru ta' Santa Katarina. Santa Katarina żżomm f'idejha l-palma u r-rota, simboli tal-martirju tagħha. Dan ukoll jippruvalna l-qedem tal-kwadru. Kienu fiż–Żminijiet Bikrija tan-Nofs li Santa Katarina tibda tidher b'dawn is-simboli.

**Għaliex Intagħżlet Santa Katarina?**

Tajjeb li nistaqsu għaliex il-pittur għoġbu jagħżel lil Santa Katarina minn daqshekk qaddisin li seta' jagħżel? Tgħid kien ordnat jagħmel hekk minn min qabbdu jpinġi l-kwadru? Għaliex, ngħiduha kif inhi, l-għażla tal-qaddisin l-oħra f'dan il-polittiku faċli tispjegaha, u m'humiex ħafna!

San Pawl, bħala l-appostlu li kkonvertiena, minn dejjem kien ikkonsidrat bħala l-patrun prinċipali ta' Malta; l-għażla tal-Madonna ma teħtieġ ebda spjega; San Pietru ntagħżel bħala l-Kap tal-Knisja; Sant'Agata daħlet bħala patruna oħra ta' Malta, peress, jingħad, li kienet ġiet Malta minn Sqallija fi żmien il-persekuzzjoni. Iżda, Santa Katarina għaliex intgħażlet? Is-Sur E.V. Borg, li jien semmejt fil-bidu ta' dan l-artiklu u li l-ktejjeb tiegħu għeni ħafna, jaħseb li ntagħżlet biex tesprimi r-relazzjoni tal-Knisja Maltija ma' dik ta' l-Afrika ta' Fuq, bħalma Sant'Agata turi r-relazzjoni tal-Knisja Maltija ma' dik ta' l-Ewropa.

**Il-Figura ta' Santa Katarina**

Santa Katarina hi bil-qiegħda fuq tron. Bħal fil-każ ta' San Pawl, tidher toħroġ 'l barra lejn l-ispettatur. Persunitha hi kemmxejn imdawra, u tħares lejk bħal fil-figuri Biżantini. Liebsa libsa ta' lewn dehbieni, b'ornament ħelu kemm jista' jkun. Mantell kbir ħamrani jgħattilha rkubbtejha u riġlejha. Xagħarha kulur id-deheb u fuq rasha ġġib il-kuruna. Ir-rota, għalkemm bix-xfafar, mhix miksura, u l-qaddisa żżommha b'idha x-xellugija.

Lilna, li mdorrijin naraw kwadri tant sbieħ ta' Santa Katarina, speċjalment dawn impittra minn Mattia Preti, forsi dan il-kwadru ċkejken ma jimpressjonaniex bħala xi kwadru speċjali f'dik li hi arti. Imma ma rridux ninsew li meta sar dan il-kwadru, l-arti barokka li aħna mdorrija biha, kien baqgħalha mijiet ta' snin biex tibda, għallinqas hawn Malta, fejn kollox daħal snin sewwa wara pajjiżi fl-Ewropa. Għalhekk bħala kwadru tas-seklu erbatax dan għandu valur immens, kemm artistiku u kemm storiku. Żgur li Santa Katarina ġiet murija rispett kbir meta tpoġġiet flimkien mal-Madonna, San Pawl u San Pietru. Hi indikazzjoni ċara tal-qedem tad-devozzjoni tal-Maltin lejn din il-qaddisa. Il-polittiku sar fi żmien meta ż-Żejtun kien għadu kif sar, jew kien wasal biex isir parroċċa. Tgħid il-kwadru ta' dik iċ-ċkejkna kappella Żejtunija kien jixbah lil dan? Min jaf? Sfortunatament ma tantx għandna f'idejna tifkiriet biex naslu għal xi konklużjoni ċerta.

---


**GRAZIA GARAGE**

**83, Bajada Str., Żabbar.**

**Tel: 821359**

Prop. T. Vella.



*Specialists in:*

*Welding, Panel Beating, Spray Painting, Auto Spares Available*